III

(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2008/900/PESK

tat-2 ta' Diċembru 2008

li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/107/PESK li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Asja Ċentrali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 14, 18(5) u 23(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Frar 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/107/PESK [1].

(2) Il-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi emendat biex jittieħed kont tar-rwol tiegħu fis-segwitu għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għal shubija ġdida mal-Asja Ċentrali, adottata mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2007,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

L-Artikolu 3(1)(i) tal-Azzjoni Konġunta 2008/107/PESK għandu jiġi ssostitwit bit-test li ġej:

"(i) jagħti kontribut għall-formulazzjoni ta' aspetti tal-PESK li jikkonċernaw is-sigurtà tal-enerġija, il-ġlieda kontra d-droga u l-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma fir-rigward tal-Asja Ċentrali."

Artikolu 2

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 2 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

C. LAGARDE

[1] ĠU L 38, 13.2.2008, p. 19.